MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Numru. 600/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank A. Tabone)**

**Vs**

**Mario Grima bin John u Salvina nee' Sciberras, imwieled fid-29 ta' Ottubru, 1968 u residenti 77, Triq Hamsin, Xewkija, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 448368(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Mario Grima li gie akkuzat talli nhar it-03.06.2008 bejn 17:00hrs u 17:20hrs f'passagg fir-raba maghruf bhala Ta' Hamimiet, Rabat, Ghawdex, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel xi haga

kontra l-ligi izda biss biex jezercita' dritt li jippretendi li ghandu fixkel lil Joseph Saliba fil-pussess ta' hwejgu;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi migjuba quddiem il-Qorti kien hemm passagg li jintuza miz-zewg partijiet sabiex jaccedu ghall-irziezet rispettivi taghhom fejn irabbu l-annimali taghhom. Illi l-Qorti thoss illi din il-kwistjoni tista' tissolva ruhha permezz tal-buon sens u tal-buon vicinat li ma jingumbrawx il-passagg rispettiv lil xulxin. Illi rrizulta illi l-imputat kien qieghed jingombra l-passagg biex ihott il-merkanzija meta dan seta' jigi evitat;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati u tikkundannah multa ta' sittin ewro (€60).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------